MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Numru. 436/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Johann J Fenech**
**vs**
**Ahmed Abdel Salem Troum**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ahmed Abdul Salem Troum iben Abdul Salem u Gittia mwieled Gherian fit-28 ta' Dicembru 1974 u residenti CCF, detentur ta' passaport Libjan bin-numru 513357.**

**Akkuzat talli gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin gewwa Rahal il-Gdid fis-27 ta' Ottubru 2008 u matul it-tnax-il xahar ta' qabel din id-data forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma**

**kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**Akkuzat ukoll li kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Akkuzat ukoll bhala persuna detenuta gewwa l-Facilita Korrettiva ta’ Kordin minghajr l-awtorita’ legittima dahhal jew pprova jdahhal f’xi parti tal-konfini tal-habs u cioe fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin oggett ikun li jkun li hu specifikatament medicina perikoluza (droga eroina) liema oggett huwa pprojbit**

**u dan bi ksur ta' l-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti maghmula taht l-istess ligi.**

**Akkuzat ukoll talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali, Onor Imhallef Vincent Degeatano nhar is-16 ta' Jannar 2007.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet liema ammissjoni huwa baqa' jikkonferma. Ghaldaqstant l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u l-addebitu dwar ir-ricediva gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti, minkejja li saret ammissjoni dwar it-tielet imputazzjoni, jirrizultalha mill-istqarrija ta' l-imputat u minn dak li ssottometta l-ispettur, li ma jirrizultax li l-imputat dahhal id-droga huwa nnifsu fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u ghal daqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17H, 49 u 50 tal-kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) tal-kap 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikolu 7(1)(2) tal-kap 260 ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni b'dan pero li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni, ssibu hati ta' l-addebitu tar-ricediva u qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.**

**Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat ammetta mill-ewwel izda kellha wkoll tiehu in konsiderazzjoni li dan ir-reat kien ilu ghaddej ghal xi zmien.**

**Ghaldaqstant qed tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' 16-il xahar kif wkoll ghall-hlas ta' multa ta' 800 Euro, liema multa tista' tithallas b'rata ta' 100 Euro kull 4 gimghat bl-ewwel pagament isir fi zmien 4 gimghat millum. Jekk ma jsirx xi pagament, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**Fl-ahhar nett il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga that il-harsien tar-Registratur.**

**Mhux qed tapplika l-ARtikolu 533 tal-Kap 9 ghax ebda espert ma kien mahtur minnha**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------